

# Tuża s-sustanzi kimiċi? Użahom b'mod sigur!

## SKEDI TA' DEJTA TA' SIGURTÀ U XENARJI TAL-ESPOŻIZZJONI

### X'GĦANDHOM IKUNU JAFU U JAGĦMLU L-ĦADDIEMA

**Jekk il-kumpanija tiegħek qiegħda tuża sustanzi perikolużi rreġistrati taħt REACH, dalwaqt ser tkun tista' tara skedi ta' dejta ta' sigurtà estiżi u ġodda. Din hija waħda mill-innovazzjonijiet prinċipali ta' REACH, li tippermetti lilek u lil ħaddiema oħra tużaw dawk is-sustanzi b'mod sigur.**

#### X'HEMM ĠDID FL-ISKEDI TA' DEJTA TA' SIGURTÀ ESTIŻI?

L-iskedi ta' dejta ta' sigurtà estiżi jinkludu anness b'xenarji tal-espożizzjoni. Xenarji tal-espożizzjoni jikkontienu pariri prattiċi dwar il-kundizzjonijiet li taħthom is-sustanzi kimiċi jistgħu jintużaw b'mod sigur, inklużi l-miżuri meħtieġa tal-immaniġġjar tar-riskji u tal-immaniġġjar tal-iskart. Din l-informazzjoni tiġi mill-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika li saret taħt REACH għall-użi kollha fiċ-ċiklu tal-ħajja tas-sustanza.

#### KIF SER TIBBENEFIKA MIR-REGOLI ĠODDA?

Ir-regoli ġodda ser jgħinuk tipproteġi s-saħħa u l–ambjent tiegħek. L-informazzjoni addizzjonali fix-xenarji tal-espożizzjoni tista' tintuża biex ittejjeb l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi, tnaqqas l-espożizzjoni għal sustanzi perikolużi u tevita mard assoċjat max-xogħol. Ir-regoli ġodda introdotti minn REACH jikkumplimentaw il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-saħħa u s-sigurtà.

#### GĦALFEJN GĦANDEK TIEĦU AZZJONI?

Dan huwa importanti għal saħħtek. Jekk il-kumpanija tiegħek tonqos mili tikkonforma ma' REACH, dan in-nuqqas jista' jkollu impatt sinifikanti fuqek minħabba li tista' ma tkunx qiegħed tuża s-sustanzi kimiċi b'mod sigur.

#### X'TISTA' TAGĦMEL?

Uri dan il-fuljett lil min qiegħed jimpjegak biex tiżgura li jkun jaf x'għandu jagħml meta jirċievi skedi ta' dejta ta' sigurtà estiżi. Minħabba li inti espost/a għas-sustanzi kimiċi fil-kumpanija tiegħek, inti tinsab f'qagħda tajba biex tgħin lil min jimpjegak jissodisfa d-dmirijiet legali tiegħu.

Kun żgur li inti u ħaddiema oħra fil-kumpanija tiegħek tifmhu u tapplikaw il-miżuri bbażati fuq l-iskedi ta' dejta ta' sigurtà estiżi. Jekk għandek diffkultajiet biex tagħmel dan, itlob lil min jimpjegak jipprovdi t-taħriġ. Dan huwa obbligu skont il-liġi għall-protezzjoni tal-ħaddiema.



© UE-OSHA/Simona Palijanskaite

## X'JENĦTIEĠ TAGĦMEL IL-KUMPANIJA TIEGĦEK?

Meta l-kumpanija tiegħek tirċievi skeda ta' dejta ta' sigurtà estiża, min jimpjegak għandu jieħu diversi passi. Kun żgur li l-maniġer tas-sigurtà tiegħek ikun konxju minnhom.

***L-ewwel stadju(1):*** *Ivverifika jekk **l-użi** li l-kumpanija tiegħek tagħmel mis-sustanza kimika jkunux koperti fit-taqsima 1.2 tal-iskeda ta' dejta ta' sigurtà u fix-xenarju tal-espożizzjoni.*

***It-tieni stadju (2):*** *Jekk l-użi tiegħek ikunu koperti, ipparaguna **l-kundizzjonijiet għall-użu sigur** deskritti fix-xenarju tal-espożizzjoni mal-kundizzjonijiet tal-użu attwali fil-kumpanija tiegħek.*

**Jekk ikun hemm diskrepanza fl-ewwel jew fit-tieni stadju, il-kumpanija tiegħek għandha tieħu azzjoni billi tagħżel waħda minn dawn il-ħames possibiltajiet.**

## FEJN NISTA' NSIB AKTAR INFORMAZZJONI U GĦAJNUNA?

L-ETUC joffri paġni elettroniċi REACH iddedikati: http://www.etuc.org/r/830

L-ECHA tipprovdi gwida, għodod tal-IT u manwali: http://echa.europa.eu/downstream kif ukoll dejta dwar is-sustanzi kollha rreġistrati: http://echa.europa.eu/registered-substances

Ħelpdesks nazzjonali REACH joffru pariri prattiċi fil-lingwi lokali: http://www.echa.europa.eu/nationalhelp/

L-UE-OSHA tipprovdi informazzjoni dwar kif timmaniġġja r-riskji tal-użu ta' sustanzi perikolużi fuq ix-xogħol: http://osha.europa.eu/topics/ds

Il-portal għas-Sostenn tas-Sostituzzjoni b'fondi mill-UE huwa sors ta' informazzjoni dwar sustanzi u teknoloġiji alternattivi: http://subsport.eu

## LIEMA HUMA IL-ĦAMES POSSIBILTAJIET LI GĦANDHA L-KUMPANIJA TIEGĦEK?

**Possibbiltà 1: Staqsi lil fornitur jinkludi l-użu tiegħek fl-iskeda ta' dejta ta' sigurtà tiegħu**
Għandhom jagħtu lill-kumpanija tiegħek xenarju tal-espożizzjoni rivedut għall-użu tiegħek. Min jimpjegak għandu jagħti informazzjoni suffiċjenti dwar l-użi tiegħek u l-kundizzjonijiet tal-użu disponibbli għall-fornituri biex ikunu jistgħu jagħmlu l-valutazzjoni.

**Possibbiltà 2: Adatta l-attività tal-kumpanija tiegħek** għall-kundizzjonijiet ta' użu deskritti fix-xenarji tal-espożizzjoni, jiġifieri:

- L-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet preskritti ta' użu sigur,
- L-addattament tal-kompożizzjoni/ disinn tal-prodott tiegħek, u
- Rakkmandazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' użu sigur rilevanti għall-klijenti tiegħek.

**Possibbiltà 3: Fittex fornitur ieħor**
li jista' jipprovdi xenarju tal-espożizzjoni li jkopri l-użu u l-kundizzjonijiet ta' użu sigur tiegħek.

**Possibbiltà 4: Fittex soluzzjoni teknika alternattiva**
u waqqaf l-użu tas-sustanza inkwistjoni.

**Possibbiltà 5: Għamel valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika**
L-ewwel ivverifika jekk tkunx tapplika xi eżenzjoni. Jekk le, il-kumpanija tiegħek jkollha tħejji r-rapport tagħha dwar is-sigurtà kimika għall-użi u l-kundizzjonijiet ta' użu sigur. Dawn ikollhom iżommu r-rapport dwar is-sigurtà kimika aġġornat u disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali, fuq talba.

industriAll
EUROPEAN TRADE UNION
ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY
European Agency for Safety and Health at Work